MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2015

Numru. 948/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSRIC MIFSUD**

**VS**

**JEFFREY CASSAR**
**(ID Nru.: 258584M)**

**Kumpilazzjoni Nru.: 948/2013**

Illum, 28 ta` Lulju, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jeffrey Cassar, detentur tal-karta tal-identita` numru 258584 (M).

**Akkuzat talli:**

F’dawn il-Gzejjer:

1. Nhar il-hamsa (5) ta` Settembru, 2013, u xahar ta` qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, gewwa l-istabiliment Lotto Boot, 313, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila jew setgha fuq haddiehor jew ta krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’qerq ta` aktar minn elfejn u hames mitt ewro (€2,500) u cioe` hames t’elef erbgha u ghoxrin ewro (€5,024), ghad-dannu ta` Pawlu Mamo, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 866947M, u persuni ohra u stabilimenti ohra;

2. Nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta` Awwissu, 2013, u gimghat ta` qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess diposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, ghad-detriment ta` Charles Pace, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 312879M), b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila jew setgha fuq haddiehor jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’qerq ta` aktar minn sitt mitt ewro (€600) imma inqas minn tmien mitt ewro (€800) ghad-dannu ta` Charles Pace, detentur tal-Karta tal-identita` bin-numru 312879M, u persuni ohra u stabilimenti ohra;

3. Nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta` Awwissu, 2013, u gimghat ta` qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, gewwa l-istabiliment Mallia Petrol Station, Pjazza San Nikola, Siggiewi, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila jew setgha fuq haddiehor jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’qerq ta` sitt mitt ewro (€600) ghad-

dannu ta` Peter Mallia, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 476747M, u persuni ohra u stabilimenti ohra;

4. Nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta` Awwissu, 2013, u gimghat ta` qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, gewwa l-istabiliment Magri Cycle Store, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz , jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila jew setgha fuq haddiehor jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta` mitejn u tletin ewro (€230) ghad-dannu ta` Paul Magri, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 37571M, u persuni ohra u stabilimenti ohra;

5. Nhar id-disgha (9) ta` Awwissu, 2013, u gimghat ta` qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, gewwa l-istabiliment Photocity, Triq in-Nofsinhar, Valletta, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila jew setgha fuq haddiehor jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qera ta` mitejn (€200) ewro ghad-dannu ta` Rosario Mario Mintoff, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 471356M, u persuni ohra u stabilimenti ohra;

6. Nhar l-erbgha (4) ta` Settembru, 2013, u xhur ta` qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, gewwa l-istabiliment Gauci Poultry, Triq Burmarrad, Burmarrad, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta` ismmijiet foloz, jew ta` kwalifki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila jew setgha fuq haddiehor jew ta` krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta` mitejn ewro (€200) ghad-dannu ta` Mario Gauci, detentur tal-Karta tal-identita` bin-numru 141367M;

7. Nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta` Settembru, 2013, u xhur ta` qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta` aktar minn elfejn tliet mija u dsigha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u cioe` sitt elef seba` mija u dsatax ewro (€6,719), ghad-detriment ta` Malcolm Saliba, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 167374M;

8. U aktar talli, nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta` Settembru, 2013, u xhur ta` qabel, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghhom;

9. Talli nhar is-sbatax (17) ta` Settembru, 2013, harab minn gewwa post ta` kustodja u mill-kustodja tal-persuna jew persuni inkarigati mill-kustodja tieghu, u cioe` meta harab mill-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta gewwa Triq il-Kostituzzjoni, Mosta;

10. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja impost mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit, LL.D., nhar il-hmistax (15) ta` Ottubru, 2012, f'dan illi naqqas milli jiffirma l-Ghassa tal-Mosta bejn it-tmienja ta` filghodu (08:00hrs) u l-hamsa ta` filghaxija (17:00hrs) kontra l-limitazzjonijiet imposti kontra l-ordni imposta f'dan id-digriet;

11. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja impost mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona, LL.D., nhar it-tlettax (13) ta` Novembru, 2012, f'dan illi naqqas milli jiffirma l-Ghassa tal-Mosta bejn it-tmienja ta` filghodu (08:00hrs) u t-tmienja ta` filghaxija (20:00hrs) kontra l-limitazzjonijiet imposti kontra l-ordni imposta f'dan id-digriet;

12. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja impost mill-Qorti tal-Magisrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. D. Clarke, LL.D., nhar is-sittax (16) ta` Settembru, 2013, f'dan illi naqas milli jiffirma l-Ghassa tal-Mosta bejn is-sitta ta` filghodu (06:00hrs) u s-sitta ta` filghaxija (18:00hrs) kontra l-imputazzjonijiet imposti kontra l-ordni imposta f'dan id-digriet;

13. U aktar talli irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgux jigu mibdula;

14. U aktar talli kiser ordni ta` *probation* mahruga mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema ordni ghadha fis-sehh.

Il-Qorti giet gentilment itluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Jeffrey Cassar, u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif stipulat fl-Artikolu 579 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 17, 18, 23, 31, 308, 309, 310 (1) (a) (b), 334, 151, 152, 160, 579 (2), 49, 50, 289, 532 A, 532 B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll 21, 23 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

In ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputat hati kif akkuzat.

Rigward il-piena, wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat diga hallas parti mill-ammont tas-somma dovuta lill-*parte civile*, din il-Qorti tordna lill-imputat ihallas il-kumplament tas-somma dovuta lill-*parte civile* fi zmien sitt (6) xhur mil-llum ai terminu tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tikkundanna lill-istess imputat sentejn (2) prigunerija sospizi ghal sentejn (2) mil-llum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------